# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

Giebha żeug dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

8. 24 TA' OTTUBRU 1908. L-EUUEL SENA


## POPLU STENBAH !

F'il ġurnal "La Sede del Papa Sempre'' ta't 3 ta' dana ix-xaħar, deher articolu, iffirmat *Lux*, fuk il għacs li ŭaka f'Malta u li għoġobni ŭisk għaliex mictub minn xi ħadd li m'hux biss iħobb ħafna lil poplu iżda li feħem tajjeb fejn kiegħed u mnejn hu gej il gŭaj collu li ninsabu fih.

Sejjer, għaldakstant, nakleb għal malti dina il biċċa minnu u fukha inżidilcom jien x'erba chelmiet ħalli tcunu tistgħu tifhmu aħjar x'irid igħid dana il chittieb li semmejt.

Lux kal: "Iżda jecc il Gvern ta' Malta għandu sehem f'il ħtija (li aħna ninsabu f'dan il għacs) il poplu malti għandu il bkija ta'l ħtija collha. Għaliex, tabilħakk, meta barra minn Malta il poplu jsib ruħu mgħattan u bla xogħol, ma jħallix igħaddi ħafna żmien biex juri lil Gvern tiegħu f'liema għacs icun jinsab fih; u haŭn f'Malta ħadd ma jitniffes bħalli chiecu cullħadd chien kiegħed igħum fl'ilma ta'l ŭard.

Daŭna il ġranet in-nies ta' Westminster, f'Londra billi sabu ruħhom bla xogħol u għalecc bdeŭ jinkarsu bil ġuħ, inġabru ilcoll, (xi 60,000 ruħ) ŭara il bieb ta'l palazz ta'l Gvernatur biex fehmuh fiex chienu jinsabu u biex talbuh li jara x'jagħmel ħalli joħolkilhom xi xogħol ħalli jerfagħhom m'il għacs li chienu ŭakgħu fih. Dana jurina li in-nies ta' barra ma jorkdux meta jokroshom il bżonn. Daŭna il ħŭejjeġ f'Malta ma jsiru katt; cullħadd igħemgħem li ma haŭn xejn, cullħadd ipeċlak, f'il cafejjiet, ras ma' ras, f'il ħin li ħadd ma jiċċaklak ħalli jfihem lil Gvern li il għadma ŭaslet ma'l gilda. Culltant jinchiteb fuk dan xi articolu f'il ġurnali, ħaġa li il Gvern tagħna tista tgħid li ma jħabbel rasu biha katt. għalecc il poplu malti jinħtieġ li jifhem darba għall dejjem li ŭasal iż-żmien li jrodd radda ta' salib għal ŭiċċu billi jara x'jista jagħmel ħalli jintrafa m'il għacs li jinsab fih, billi jinġabar għalenija u b'il mezzi collha li tatih il-ligi ifihem lil Gvern f'liema għacs ŭasalna ħalli jara x'jagħmel u jgħinna ftit.''

Daŭna l-erba chelmiet ll ħakkhom jiġu minkuxa f'irħam kalhom Lux il gimgħa li ħarget, iżda jiena għedthomlcom xi seba xhur ilu meta ħrigt is-saġġju t'an-"Naħla", meta f'l istess saġġju stampajtilcom sa'l petizzjoni li tlabtcom tiffirmaŭ b'xejn u li ŭiegħidtcom li għandi nippresenta jien stess lil Gvernatur biex joħolkilcom xi xogħol.

L-istess cliem argajt tennejtilcom f'l euŭel numru ta'n-"Naħla'' fl-articolu li ctibt fuk il "għacs f'Malta'' u bih stedintcom m'il ġdid biex tiġu tifirmaŭ il petizzjoni ħalli forsi il Gvern jitkankal u joħlok xi xogħol. Iżda cull ma ħambakt chien collu għalxejn, cull ma għedt u ctibt mar collu f'ir-rieħ; il poplu rieked chien u rieked għadu sa'l-lum. X'uħud ħadu il ħaġa b'id-dgħajsa ta'ċ-ċajt, oħrajn riedu jgħidu li jiena cont kiegħed ingħaddi iż-żmien b'in-nies. Meta ħareġ is-saġġju u cullħadd ra li jiena cont kiegħed ingħid is-seŭŭa, li jiena ridt il gid ta'l poplu, sictu u ma tniffsux iżjed għaliex ma ħamlux li ncun jiena dac li nifdi lil poplu magħcus m'il basla li jinsab fiha. U billi ma setgħux ixeŭxu lil poplu li jiena kiegħed nidħak bih u jġagħluh, chif ittanta xi ħadd, jigi ŭara biebi biex iħaġġarni, lankas chellhom il ħila li jgħinuni biex nagħmel ftit ta'l gid lil dana il poplu, u fost daŭn chien hemm ucoll xi ġurnalisti li jħambku il gimgħa collha li jħobbu ħafna u li jakbżu għal poplu.

Biex jincu lili jgħarrku il poplu; biex ma igħinux lili, jgħaccsu il poplu; u jgħidu cull ħin u cull mument li jħobbu il poplu !

# Il Mistoksija oht il Gherf

**Lil G. Saccasan** (L-Isla).

Xtakt taf chemm ġeŭ imgħallkin nies, min huma u meta, minn chemm ilom l-Ingliżi haŭn. Niccuntentac.

Ta l-eŭŭel ŭieħed u għoxrin li ġeŭ imgħallkin m'il miġja ta' l-Ingliżi f'Malta (1800) sa'l 1821, ma stajtx għadni insib isimhom. L-oħrajn huma daŭn :—

1821—Ott: 21. Frangisc Caruana u Ġużepp Scicluna.

1822—Aŭŭissu 5. Marju Spiteri.

1823—Marzu 8. Nicola Mattra (*Marchetti*) li chien katel suldat malti il Birgu.

1825—Mejju 15. Ġużè Grech (*In-Naxxari*) talli katel lil ħuh, nhar S. Ghirgor, f'it telgħa ta'n-Naxxar.

1826—Frar 22 Laŭrenz Attard u Michiel Curmi.

1829—Jannar 2. Xmun Grech u Indrì Farrugia.

1830—Frar 9. Laŭrenz Bonanno, barclor, Frangisc Farrugia u Aloisju Darmanin, biċċier, talli katlu parrin ŭieħed minnhom u ŭaħda sinjura xieħa, Frangisca Bellia (*Il Ŭirdiena*) il Birgu.

1832—Mejju 9. Ġanni Fedeli u Paŭlu Laus (neputi tal bojja li miet ma ilux) talli katlu lil Grezz *iz-Zollinzoll*, l-Isla.

1835—Decembru 14. Ġulju Frendu, veru mostru ta' ħruxija, li chien katel bosta ġrabi kabel u saħansitra lil bintu.

1836—Aŭŭissu. Ġiużeppi Seli, tamburlin, talli katel l'is-Surmast Culiermu, surmastruh u il tamburlin iehor l-inżerta ma ġenbu.

1837—Ġunju 9. Thomas McGavin, baħri ta'r-"Rodney" li ġiè imgħallak abbord.

1851—Settembru 10. Paŭlu Azzopardi (*It-Torc Hunnett Abos*) imgħammed, talli katel lil Marì il *Furficetta*. Dan ŭara li serakha, kattagħha bċejjeċ u tefagħha f'bir fi Strada Stretta, il Belt.

1853—Decembru 7. Salvu Saliba (*Valdiri*) u Salvu Farrugia (*Iz-Zozz*) talli, ŭakt il-logħob katlu lil sieħibhom f' makjel, il Gudja, b'ċangun.

1860—Ġunju 16. Anġlu Farrugia, *Il Crozz*. Dan chien għallak u għarrak lil ŭieħed gabillott, iżda billi ġiè il Princep ħafirlu. Ŭara katel lil polizjott Serafin Zammit u għalecc ġiè mgħallak, u chien l-eŭŭel ŭieħed li żanżan ix-Xagħra ta' Cordin.

1861—Dec: 20. Artillier ingliż, li ġiè iffucilat ir-Ricasli talli spara fuk uffiċjal bla ma katlu għad li tajjarlu il berritta.

1862—Dec: 24. Ġużè Attard (*Ghixghieri*), carruzzier, u Ġużè Chetcuti *cracar* talli katlu is-seftura ta' Demartino biex jisirku. Lil Attard chien għarfu is-Sur Carm Demartino, l-Ispiżżjar ta' Ta's-Sliema li miet snin ilu, u li Attard ma katlux billi chien tant iħobbu, u li chien baka id-dar ma's-seftura.

1864—Sett: 10. John Burns, suldat cattolicu, talli spara għa's-surgent tiegħu f'il Qŭartier ta'l Furjana.

1866—Mejju 2. Censu Azzopardi (*Slajd*) talli katel lil Michiel De Battista, nhar il Carnival, f'Birchircara, bi żball.

1867—Mejju 23. Censu Azzopardi talli katel li Catarin iċ-*Ċaŭla* f'Girba għa'x ma riedetx dakk kuddiem biebha.

1870—Aŭŭissu 24. Carmnu Camilleri *Il Midneb*, minn Hal Kormi, talli katel lil Michiel Schembri, *Boros*, ħalliel u spjun, b'dakka ta' sicchina.

1874—Frar 28. Edwards, suldat ta'r-R. Irish talli katel is-Surgent ta'l Cumpamija tiegħu f'S. Clement għa'x talbu jisilfu xelin u dan ma tahx.

1876—Mejju 6. Giammari Pirotta u Paŭlu Galdies (*Il Bancozz*) talli katlu, f'Tunes, lil Salvu Piott u lil Paŭlu Farrugia.

1878—April 10. Ġuże Azzopardi (*Is-Sincier*) żagħżuħ żebbugi ta' għoxrin sena talli saħak ras sieħbu, Paŭlu il *Germus*, ŭakt li chienu kiegħdin ikożżuhom taħt il Bieb-ta'l-Bombi.

1880—Ottubru 26. Ġużepp D'Urso, taljan, talli katel lil Rosina ta' Balzunetta b'dakktejn ta' sicchina. Biex jaħrab kabeż għal ġo dar, iżda chiser sakajh. Dana chien l-eŭŭel ŭieħed li tgħallak ġo'l Habs.

1883—Marzu 13. Ġużè Vella, cannunier ta'l Artillerija Maltija talli katel b'dakka ta' sicchina lil baħri ingliż Godwin fi Strada Stretta ta'l Belt. Dana il mosti żanżan il forca il ġdida.

1893—April 22. Ġanon talli katel lil Toni Grima, biex jisirku f'il Barambara ta' Żurrieq.

1894—Lulju 2. Rużar Mizzi (*Il-Lais*), minn Hal Kormi, talli għallak b'idejh u għarrak il Marsa lil Roccu, bejjieħ il ħaxix, biex seraklu seba liri.

**Lil P. S.** (Il Belt).

Tlabtni ngħarrfec jecc f'Malta haŭnx xi ħadd li jgħallem it-tifsil ta'l ħŭejjeġ tant ta' rġiel chemm ucoll ta' n-nisa.

Jiena sejjer inħabbarlec, bi pjacir cbir, li ŭasal haŭn Malta, ftit ilu, malti ieħor bħalha, is-sur Vincenz Grech, minn Birchircara, li ilu ħafna ms:efer biex mar tgħallem dina is- sengħa sabiħa, u li dana fetaħ scola ta't tifsil il Belt fuk Putirjal (Strada Alessandro, No. 5). Dana iż-żagħżuħ intelligenti gieb miegħu xi diplomi u bosta certificati ta' l Accademji ta' Londra, ta' Parigi u ta' Torino u li culħadd jista jmur jarahom imdendlin fl-istudju tiegħu.

Għedtlec li sejjer inħabbarlec d'il ħaġa bi pjacir cbir għaliex jiena nieħu pjacir cbir tasseŭ meta nara xi malti kalbieni, bħal ma hu dana is-Sur Grech, li jmur Barra biex jitgħallem seŭŭa xi sengħa u li mbagħad jigi jgħallimha lil ħutu il Maltin biex ma jibkgħux lura f'is-snajja u jcilhom ħobżhom il barrani. Għalecc jiena għandi tama kaŭŭija li lil dana l'Imgħallem tat-tifsil jagħmlulu il kalb billi jsib ħafna lavranti ħajjata, tant irġiel chemm nisa, li jmorru għandu biex jitgħallmu dina is-sengħa tant sabiħa u tant meħtieġa. Tista tiftiħem fuk il ħinijiet m'it-tmienja ta' f'il għodu sa' t-tmienja ta' f' il għaxija, u il ħlas li jippretendi ma jŭaġġa il ħadd. Mela tħajjar u kejs li tcun minn ta' l-eŭŭel.

**Sa chemm imbniet il Cnisja ta' San Pietru ta' Ruma chemm il Papa saltan?** (G. A. Hamrun).

Minn x-ħin imbdiet sa chienet lesta il Cnisja ta' San Pietru f-Ruma saltnu tlieta u erbgħin papa.

**Meta bdeŭ jużaŭ il-luce-elettrica?** (C. M. L-Isla.)

L'eŭŭel ma użaŭha chien fl-Inghilterra, f'il-Lanterna ta' South Foreland; bdeŭ jużaŭha f'it-torok ta' Londra u ta' Parigi fl-1858; l-eŭŭel teatru li daħħlu fih il-luce-elettrica chien is-"Savoy Theatre" fl-1881.



# IL CLERU MALTI

## IL CARDINAL XIBERRAS

MINN Bascal u Lucrezia D'Aurel, f'il 20 ta' April ta'l 1758 tŭieled dac **Fabrizju Xiberras Testaferrata,** li ma'ż-żmien chellu jilħak f'ŭaħda m'il l-ogħla targiet ta'l Cnisja Mkaddsa u li għamel tant unur cbir lil pajjisu fost il frustieri.

Ma hemmx bżonn ŭieħed igħid li, billi it-tfajjel FABRIZ ŭera minn ċocnu intelligenza cbira u billi il familja tiegħu chienet għanja u ŭaħda m'il l-aħjar ta'l Gżira, missieru u ommu għamlu chemm felħu biex igħallmuh ħalli jilħak xi ħaġa cbira; u għaldakstant bagħtuh fl-aħjar schejjel, u meta dehrilhom li f'Malta ma setgħux isibulu culleġġ chif riedu huma, bagħtuh bla telf ta' żmien f'il "Collegio Clementino" ta' Ruma.

Billi it-tfajjel chellu il ħajra ta' kassis, daŭna l bosuh minnufih; u, biċċa għaliex iż-żagħżuħ XIBERRAS chellu moħħu tajjeb ŭisk u biċċa għaliex il familja tiegħu chienet miġjuba ħafna m'il l-aħjar nies, FABRIZ, fi ftit snin, laħak m'hux biss sacerdot, iżda Canoncu ta'l Cadidral tagħna ucoll, meta chien għadu fl-aħjar ta'żgħużitu u kabel ma telak, chif għedna, biex icompli l-istudji tiegħu f'Ruma.

Haŭnecc gieb tant ruħu tajjeb u mexa tant il kuddiem fl-istudji li ma damx ma laħak Prelat u tħabbeb ma' l-aħjar nies ta'l Cnisja Rumana.




Meta il Papa Piju VII raġa mar f'Ruma, fl'-1800, intebaħ malajr li il Prelat XIBERRAS chien bniedem ta' ħila u ta' għerf cbir, u li chien tant jilħaklu u għakli li sata jerħilu f'idejh xi pajjis biex jaħcmu f'daŭc iż-żmienijiet tant imkallba u imħaŭŭda u li fihom il Cnisja chienet kiegħda iġġarrab tant għaŭġ.

Għalecc irħielu f'idejh il ħacma ta'l Provinċja ta' Camerino u, b'il mod il mod, ta' Ascoli, ta' Fermo u ta' Osimo sa chemm chellu taħt it-triegija tiegħu il Provinċja ta'l Macerata collha. U haŭn gieb ruħu tant tajjeb u ħachem il pajjis b'tant għakal li il Papa, meta fehem tajjeb x'jisŭa, ħaseb biex jerħilu taħt idejh xi ħaġa akŭa u li riedet ħila u għakal acbar. Għalecc, fl'1802, l-istess Papa Piju VII, ħatru Arciskof ta' Beritu (*in partibus*) u bagħtu bħala Nunzju Apostolicu fl'Isvizzera, posizzjoni daks li ta' unur daks tant ieħor ta' ħsieb u ta' taħbit.

L-Arciskof XIBERRAS telak għal l-Isvizzera f'Ottubru ta'l 1803 u mar jokgħod f'Lucerna, ŭaħda m'il bliet l-actar sbiħ u cbar ta' l-Isvizzera.

Iż-żmienijiet chienu kliel ŭisk; id-dinja collha chienet imkallba ta'taħt fuk; l-egħdeŭŭa ta'l Cnisja ma chellhom l-ebda ħeda biex jaraŭ chif jagħmlu u jekirduha minn dac il pajjis.

L-Arciskof Malti sab ruħu f'baħar ta' mrar u ta' taħbit bla tarf; iżda b'il ħila cbira tiegħu u bl-imgieba tajba għaraf b'il ftit il ftit, jinħabb ma' cullħadd, u għalchemm l-egħdeŭŭa ta'l Cnisja giebuha żeŭġ fl'Italja u fi Franza, fl-Isvizzera ma setgħu katt jinfdu sa chemm baka' jgħasses il ħabriechi Arciskof FABRIZJU tagħna. U tant gieb ruħu tajjeb, u tant chien maħbub u tant għoġbot lil Papa il ħaema għaklija tiegħu f'dac il pajjis li il Papa ħallieh hemm għal tlittax il sena sħaħ; u kanklu biss meta chellu bżonnu f'Ruma biex ħatru bħala Segretarju ta's-Sagra Congregazzjoni ta'l Iskfijiet u ta'r-Regolari, fl'-1816.

Haŭn ucoll gieb ruħu tant tajjeb u ŭera tant għerf cbir li f'il Concistoru ta's-6 ta' April ta'l 1818 il Papa għażlu biex jagħmlu Cardinal taħt it-titolu ta' Santa Prudenzjana u ħatru ucoll bħala Iskof ta's-Sinigallja.

Tistgħu taħsbu x'ferħ cbir ferħu il Maltin, li kalbhom chienet dejjem marbuta ma'l Cnisja, meta ħadu il bxara li malti bħalhom laħak Cardinal; u għalecc l-aħjar letterati maltin ta' dic il ħabta u fosthom il għaref geżŭita Patri Rigord, in-nobbli Viani u De Piro u il poeta Planes chitbu ħafna poeżiji sbiħ biex ifaħħru lil dana il Cardinal pajżan tagħhom.

Meta mar f'is-Sinigallja sab il pajjis imħaŭŭad collu u mitluk għal collox. Iż-żgħażaħ li chienu jridu jsiru kassisin ma chellhomx Siminarju fejn jistudjaŭ; għalecc il Cardinal XIBERRAS beda biex hareġ il flus minn butu u fetaħ ŭieħed hu. Ŭara il gŭerer ta' Napuljun dac il pajjis chien tfakkar għal collox u chienu geŭ imħarbtin il cnejjes u il monasterji collha. Dana beda biex fetaħ daŭna il monasterji m'il ġdid, u fosthom fetaħ dac ta's-Sorijiet Benedittini; u billi it-tfal ma chellhomx schejjel seŭŭa fejn jitgħallmu, gieghel lil daŭna is-Sorijiet Benedittini biex jiftħu scola għa't-tfajliet fkar biex igħallmuhom b'xejn.



# IS-SAHHAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

"Malli Marija sabet ruħha imħaddna ma' kalbi u im xegħla b'il beũs ta' fommi refgħet is-sbieħ għajnejha lejja u, f'il ħin li ma' tul ħadċejha beda jgelben id-dmugħ, kaltli b'leħen micsur:—

—"Ambroġ, min jaf x'sar minn ommi... għandi mitt sena sa nasal id-dar ħalli nara ħadux xi aħbar tagħha, ħalli nara chif ħelsitha m'n idejn daũc il ħafna chiefrin... Harrec ftit iżjed biex infittxu naslu."

U jiena sokt ftit actar b'il kaũũi, u Ġannicol u Ġużepp ta' Luka, meta raũ hecc, għamlu bħali.

Il lejl chien għadu fl-akũa tiegħu: dlam ċappa cull fejn iddaũũar ũiċcec; cull tant xi leħħa ta' berka biex turina jecc conniex miexjin dejjem ma' t-triek it-tajba; ċarcir ta' il-mijiet li chienu għaddejjin ighelglu ġo kiegħ Ũied-il-Għasel; gandotti u ħofor cull fejn tmidd riġlec, u sirda chiesħa, chiesħa, li jxxokk il għadam u li bħala jaf jati Jannar tagħna ũara li jcunu nfetħu bũieb is-sema u niżel dac l-ilma collu.

Marija chienet miblula għasra, chiesħa daks biċċa silġ, tirtogħod u cull tant iċċeccec snienha b'il bard. Jiena leffiftha chemm stajt f'dac il capott li bih chienu satruha sħab il Cavalier; saħħantilha idejha ġo idejja, ũiċċha b'il ħadd ta' ũiċċi, fommha b'il beũs ta' fommi u, ũara li tlabtha tfehimni, ħaġa b'ħaġa, chif ũakgħet ġo' d-dũiefer karrieka ta' De Saqueville, bdiet, tolfok u titniegħed, tgħidli:—

"Dac il misħut Cavalier ilu b'it-tir tiegħi m' is-sena l-oħra; ili nintebaħ li chien kiegħed jistadni, li chien sammar xi ħaġa f'moħħu fuki, iżda katt ma ħlomt li il ħruxija tiegħu chellha tasal sa haũn, katt ma fhimt li il mibegħda tiegħu lejc chienet hecc kalila... Cont naf b'ix-xniha li tiġri dejjem fuku li hu bniedem karrieki, li hu żagħżuħ mogħti għal cull vizzju... li ma jistax jara djul ta' mara għa'x jakleb rasu. Ġacbu D'Alagona chien fetaħli għajnejja b'iż-żejjed, iżda min katt għaddielu il ħsieb minn moħħu li għandu il ħila jmidd idejh fuk xebba u mara xieħa li, bla għajnuna ta' ħadd, chienu sejrin għal triekithom? Inħoss demmi collu jitla għa'r-rasi meta ingib kuddiem għajnejja il ũiċċ icreħ ta' Petrozz meta b'id ũaħda chien għoddu fgani sa saddli ħalki u bl-oħra ħatafni minn kaddi biex gibidni minn ġo'l caless; u meta niftacar f'il ħasda li ħadt u f'il għafsa ta' kalb li ġarrabt meta 'lmaħt l-ommi għaxja f'ir-rocna u il dac il vili ta' Calanġ iżeblaħha bi cliem l-actar icreħ. Tista taħseb, Ambroġ x'ruħ baka fija meta sibt ruħi f'ħoġor dac il chiefer ta' Petrozz... li Alla għad irid jilħku għal ħażen u għal ħruxija tiegħu... u x'ħin firduni mn'ommi u rajtha mitluka f'idejn dac il misħut ta' Calanġ, ta' dac il bniedem bla gieħ li biex jicmex xi sold minn ma' dũar il Cavalier chien jagħmecollox, imkar isallab l-ommu... ragel ta' kalb samma u ħażina daks it-tengħuda, li ma jaħmel il ħadd, li ma jista jara lil ħadd xagħra ũaħda aħjar minnu f'id-dinja jecc ma jtajjarx l-ingħas ta' lejlu ħalli jara chif jista jseũũeb li ighab ta'l marrara tiegħu fuk daũc li l-ebda ħtija ma chellhom biex jiġu mibgħuda minnu ħlief biss għaliex icunu ũaslu fejn ma sata katt jasal hu... Jiena naf b'iż-żejjed lil dac il chiefer ta' Calanġ u niftacar tajjeb f'il għera tiegħu, meta chien jigi kiebi, kiebi għand il Baruni missieri biex jisloħ xi ħaġa;... ma chienx dac iż-żmien b'il għalla merfuħa donnu jrid jibla lil cullħadd bħal ma sar issa minn mindu ċappas idejh b'ħafna delitti, minn mindu sar kaddej l-actar mokżież ta' l Cavalier... iżda l-id t' Alla, ta' Dac li ma jħallasx b' in-nhar ta' Sibt, għad tilħku u turieħ il kamar f'il bir ta' dac il kerk collu.

"Jiena, bla ma ntbaħt, tbissimt donni nidħak, m'hux għa'x kalbi, magħsura chif chienct, setgħet iġgegħilni nidħak, iżda għaliex rajt li Marija ma chienetx intebħet li tant il faħxi Calanġ, dac il bniedem mokżież li ħadd ħlief min chien ikis b'ix-xiber tiegħu ma chien jersak lejħ, chemm ucoll dac il kalb ta' tigra ta' Petrozz, dac l-iskalli bla gieħ, chienu it-tnejn imgħargħra f'demmhom, minxura minn tulhom bħal żeũġ iġsma ta' clieb imniġġsal

Jiena kbadt il pum ta'x-xabla li chelli iċċempel ma'genbi, ressaktu lejn xuftejn Marija u għidtilha:— "Bus din ix-xabla għaliex din ġa għamlet ħakk xierak minn min medd idejh fukec... din lil Petrozz niżditu minn banda għal l-oħra u bagħtitu l'infern... chif chien ħakku..."

—"U Calanġ x'sar minnu?" staksiet minnufih Marija, "ktiltuh ucoll?"

*(jissocta.)*

## XARADA.

Għajta l'*eũũel* ta' x'agħsafar;
Għajta it-*tieni*; ftacar ftit
Li biex tkejjes kiegħ il baħar
L-*intier* t'egħi inti trid.

LEV:

Għat-tuiegib hemm żmien sa nhar it-Tlieta f'il għaxija.

## TIFSIR TA'L-LOGHOB TA'L GIMGHA L-OHRA

XARADA — Ras - pa.

Fissruha tajjeb:—

Andrea Farrugia (Sliema); Gius: Sciberras (Il Belt); A. M. Kissaun (Imghieret); Vincenzo Xerri (Senglea); Giuseppe Cassano (Senglea); O. Lubrano (Senglea); Joe Busuttil (Sliema); Gaetano Grixti (Gudja); E. Valenzia (Bormla); Francesco Farrugia (Hamrun); Carlo Ciantar (Il Belt); Patri Eusebju Calì Luigi Pace (Sliema); G. Camilleri (Hal Luka); Antonio Mercieca (Mosta); C. Fenech (San Giljan); G. Saccasan (L-Isla); is-Sinjura Carm. Caruana (Sliema)-

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.